# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 546/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**April Farrugia**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Charisse Boffa tat-8 ta' Ottubru, 2015, li bih ghamlet denunzja quddiem il-Qorti tal-Magistrati kontra l-appellanta, April Farrugia, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 361889M li bih esponiet:

1) Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq (deciza fit-30 ta' Novembru, 2012) kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' April Farrugia;

2) Illi April Farrugia naqset li zzomm ruhha f'kuntatt regolari mal-Ufficju u l-Ufficjal tal-Probation u Parole, skond id-direttivi moghtija

lilha. Saru diversi tentattivi kemm permezz ta' ittri kif ukoll permezz tat-telefon sabiex l-imsemmija tattendi ghal-laqghat mal-Ufficjal tal-Probation izda kuntatt qatt ma gie stabbilit.

3) Illi April Farrugia naqset milli toqghod ghad-direttivi moghtija lilha mill-istess Ufficjal tal-Probation sabiex tibda programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, kif gie suggerit lilha mill-Ufficjal tal-Probation

4) Illi din hija t-tielet denunzja li qeghda ssir fil-konfront ta' April Farrugia, ghalhekk jidher li l-ikkoncernata m'ghandix motivazzjoni sabiex izzomm il-boghod mid-droga u l-kriminalita. Kif ukoll is-supervizjoni necessarja li hi parti integrali mill-Ordni ta' Probation mhux qed issehh.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Dicembru, 2017 li biha l-Qorti wara li rat l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lid-denunzjata hatja li kisret il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation tat-30 ta' Novembru, 2012 moghti minn dik il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet premessi, u trattat maghha ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hi kienet tqieghdet taht tali ordni daqs li kieku kienet ghadha qed tkun dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet u ghalhekk ikkundannat lid-denunzjata ghal perjodu ta' prigunerija effettiva ta' tnax (12)-il xahar – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi d-denunzjata ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Rat ir-rikors tal-appellanta April Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Dicembru, 2017, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti jogghobha tvarja u tbiddel is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti billi tiddikjara li m'ghandhiex tigi fis-sehh is-sentenza tat-30 ta'

Novembru, 2012 u minflok taghti sentenza aktar ekwa u gusta fil-konfront tal-appellanti, dana dejjem taht dawk ic-cirkostanzi li jidhru xierqa lil din il-Qorti;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensur tal-appellanta u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell odjern huwa limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari li l-piena ta' sena inkarcerazzjoni mhix wahda addattata ghac-cirkostanzi tal-kaz fejn l-appellanti ghandha bzonn ghajnuna sabiex tohrog mill-vizzju, apparentement akut, ta' droga;
2. Minn ezami tal-atti processwali huwa palezi illi lura fit-**30 ta' Novembru**, **2012** l-appellanti kienet misjuba hatja, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq ammissjoni taghha stess talli f'**Settembru 2007** kienet fil- pussess ta' droga eroina kif ukoll ta' raza tal-pjanta cannabis. Dik il-Qorti ghazlet li, tqieghed lill-appellanta taht Ordni ta' Probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin minflok teroga piena. Ftit anqas minn xaharejn mill-iskadenza ta' dan it-terminu, l-Ufficcjal tal-Probation assenjata sabiex tissorvelja lill-appellanta, ddenunzjatha quddiem l-ewwel Qorti li ma kienitx qeghda tottempera ruhha mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation. Ghalhekk l-Qorti ordnat li l-appellanta tingieb quddiemha sabiex

titratta maghha ghall-ksur tal-istess Ordni fit-termini tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta u konsegwentment sabitha hatja u kkudannatha ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena ghar-reati li dwarhom kienet instabet hatja fit-30 ta' Novembru 2012;

3. Issa, l-ewwel Qorti osservat fis-sentenza taghha illi dik ma kienitx l-ewwel denunzja maghmula kontra l-appellanti ghaliex fil-fatt kienet it-tielet wahda. L-ewwel denunzja saret 8 xhur wara l-hrug tal-Ordni ta' Probation u kienet kkundannatha ghall-hlas ta' €50 u xahrejn wara regghet kienet denunzjatha izda fil-mori kienet kkundannatha 6 xhur prigunerija ghal-reat iehor;

4. L-ewwel Qorti mmotivat id-decizzjoni taghha b'rassenja ta' fatti li kienu juru li l-appellanta ma tridx tiehu l-okkazzjoni li tirriforma ruhha minkejja l-ghajnuna kollha li qed ituha l-Qrati u b'mod partikolari l-Ufficcjali tal-Probation. Minn dak li jemergi, l-appellanta mhux biss ma tridx izzomm mad-direttivi u appuntamenti tal-Ufficcjal tal-Probation izda ukoll qed tabbuza minn sustanzi ohra illeciti diversi minn dawn li dwarhom kienet misjuba hatja;

5. Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar kemm il-piena erogata mill-ewwel Qorti ghar-reat kommess lura fis-sena 2008 meta kellha appena tmintax-il sena tista' tkun proporzjonali mac-cirkostanzi kollha li jiccirkondaw dan il-kaz: mat-trapass taz-zmien; mal-eta' tal-appellanta, mal-intransigenza taghha li tgharaf tibbenefika mid-diversi opportunitajiet li qed jinghatawlha; mal-hsara li talvolta jista' ssirilha bl-inkarcerazzjoni kontra l-possibilita' li tuza dan iz-zmien biex tikkontempla hajja libera mill-vizzji li hakmuha; mal-possibbilita' li tirriforma ruhha u mal-fatt indiskutibbli li l-kaz taghha issa ser jidhol fl-ghaxar sena tieghu zgur mhux ghal-ragunijiet attribwibbli lill-Qorti jew lill-prosekuzzjoni; mal-hsieb wara l-promulgazzjoni tal-Att Dwar il-Probation Kap 446 u l-Att Dwar Dipendenza Fuq id-Droga (Trattament Mhux Prigunerija);

6. Fattur iehor li huwa ta' preokupazzjoni ghall-din il-Qorti hu li l-appellanta mhix qed tgharaf l-importanza u l-gravita pendenti Ordni

ta' Probation bhalli kieku din hija biss kelma mill-gergo legali li tissarraf f'xi twiddiba. Ordni ta' Probation huwa, kontra dak li sfortunatament jahsbu xi uhud maqbuda f'din ix-xibka, opportunita' unika moghtija lil persuna li sabet ruhha f'cirkostanzi li jaghtu lok ghall-passi kriminali u li piena karcerarja ma tkunx addattata;

7. Il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata tal-appellanta minn fejn jemergi illi wara s-sejbien ta' htija li tat lok ghall-Ordni ta' Probation mertu ta' dan l-appell, hija kienet misjuba hatja f'zewg okkazzjonijiet ta' tlajjar ghal-skop ta' prostituzzjoni u din il-Qorti tista' biss tahseb, izda mhux tikkonkludi, ghaliex l-appellanta irrikorriet ghall-dan il-forma ta' ntrojtu. Il-Qorti hija propensa illi terga taghti opportunita' ohra lill-appellanta kontra l-prassi ta' din il-Qorti li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dik li hi komminazzjoni tal-piena. Dan il-kapitolu fil-hajja tal-appellanta, izda, jehtieg li jkun mghaluq billi terfa r-responsabilita' taghha u tgharaf li ma jistax ikun li tibqa' tghix f'din l-incertezza u tqis dan iz-zmien ta' inkarcerazzjoni bhala opportunita' biex izzomm 'l hinn mill-vizzji li hakmuha u tgharaf tuza l-ghodda kollha disponibbli ghaliha fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex tfittex l-ghajnuna mehtiega ghar-riabilazzjoni taghha; Din il-Qorti izda, ma thossx li l-appellanta hija matura bizzejjed biex terga' titqieghed taht Ordni ta' Probation u fic-cirkostanzi tara biss li din, stranament, tista' tissarraf f'detriment ghaliha.

8. Issa, kwantu l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm mhux normali li din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha in rigward, jidher li l-ewwel Qorti kienet motivata bil-ksur fi tlett okkazjonijiet tal-Ordni ta' Probation. Dan ma kellux ikun rifless fil-piena ghar-reat originali. Anqas ma kien il-kaz li l-appellanta tkun punita ta' kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation izda l-piena kellha tkun ta' pussess tad-droga fis-sena 2007 tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammissjoni bikrija, l-eta' zghira u l-fedina penali tal-appellanta f'dak iz-zmien u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena.

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tvarja s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundannat lill-appellanta ghal terminu ta' prigunerija ta' sena u minflok tikkundannaha ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur.